# MALTA

**ATT Nru. I ta' l-1989**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.**

**ACT No. I of 1989**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Import Duties Act, 1976.**

Naghħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

21 ta' Frar, 1989

**ATT Nru. I ta' l-1989**

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Att Nru. XXV ta' l-1976.

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda fis-seħħ fit-30 ta' Novembru, 1988.

**2.** L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jkollha effett skond l-emendi murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att.

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

## SKEDA

(Artikolu 2)

1. Minflok il-partiti (A) u (B) li hemm fl-ewwel kolonna taħt l-intestatura numru 22.05 u minflok il-kliem u l-figuri murija kontra dawk il-partiti fit-tieni u fit-tielet kolonni, għandhom jidħlu rispettivament il-partiti murija fl-ewwel kolonna u l-kliem u l-figuri relattivi murija fit-tieni u fit-tielet kolonna ta' hawn taħt:

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|
| "(A) Impurtat fi krietel jew tankijiet .......... | Lm164.00,0 kull ettolitru | Lm163.75,0 kull ettolitru |
| (B) Impurtat fi fliexken: | | |
| (1) Mhux spumanti .................. | Lm166.00,0 kull ettolitru | Lm165.75,0 kull ettolitru |
| (2) Spumanti ...................... | Lm191.00,0 kull ettolitru | Lm190.75,0 kull ettolitru"; |

2. Minflok il-partiti (A) u (B) li hemm fl-ewwel kolonna taħt l-intestatura numru 22.06 u minflok il-kliem u l-figuri murija kontra dawk il-partiti fit-tieni u fit-tielet kolonni, għandhom jidħlu rispettivament il-partiti murija fl-ewwel kolonna u l-kliem u l-figuri relattivi murija fit-tieni u fit-tielet kolonna ta' hawn taħt:

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|
| "(A) Impurtat fi krietel jew tankijiet .......... | Lm103.00,0 kull ettolitru | Lm102.75,0 kull ettolitru |
| (B) Impurtat fi fliexken .................... | Lm105.00,0 kull ettolitru | Lm104.75,0 kull ettolitru"; |

3. Minflok il-partiti (A) u (B) li hemm fl-ewwel kolonna taħt l-intestatura numru 22.07 u minflok il-kliem u l-figuri murija kontra dawk il-partiti fit-tieni u fit-tielet kolonni, għandhom jidħlu rispettivament il-partiti murija fl-ewwel kolonna u l-kliem u l-figuri relattivi murija fit-tieni u fit-tielet kolonna ta' hawn taħt:

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|
| "(A) B'estratt ta' alkohol ta' 6% jew anqas ..... | 60 | 50 |
| (B) Oħrajn: | | |
| (1) Impurtat fi krietel jew tankijiet ...... | Lm87.50,0 kull ettolitru | Lm87.25,0 kull ettolitru |
| (2) Impurtat fi fliexken ................ | Lm89.50,0 kull ettolitru | Lm89.25,0 kull ettolitru"; |

4. Minflok il-partiti (A), (B), (Ċ) u (D) li hemm fl-ewwel kolonna taħt l-intestatura numru 22.09 u minflok il-kliem u l-figuri murija kontra dawk il-partiti fit-tieni u fit-tielet kolonni, għandhom jidħlu rispettivament il-partiti murija fl-ewwel kolonna u l-kliem u l-figuri relattivi murija fit-tieni u fit-tielet kolonna ta' hawn taħt:

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|
| "(A) Li ma jkollux iżjed minn 20° Gay Lussac .. | Lm1.13,0 kull litru | Lm1.12,8 kull litru |
| (B) Li jkollu iżjed minn 20° iżda mhux iżjed minn 45° Gay Lussac ........................ | Lm3.99,0 kull litru | Lm3.94,0 kull litru |
| Nota għal (B): Preparati ta' taħlitiet alkoholiku għall-produzzjoni industrijali ta' xorb mhux alkoholiku ..................... | 81c 0 kull litru | 80c 8 kull litru |
| (Ċ) Li jkollhom iżjed minn 45° iżda mhux iżjed minn 57° Gay Lussac .................. | Lm4.04,0 kull litru | Lm3.99,0 kull litru |
| (D) Li jkollhom iżjed minn 57° Gay Lussac .... | Lm4.04,0 kull litru alkohol b'57° Gay Lussac | Lm3.99,0 kull litru alkohol b'57° Gay Lussac"; |

5. Minflok il-partiti (A), (B) u (Ċ) li hemm fl-ewwel kolonna taħt l-intestatura numru 24.02 u minflok il-kliem u l-figuri murija kontra dawk il-partiti fit-tieni u fit-tielet kolonni, għandhom jidħlu rispettivament il-partiti murija fl-ewwel kolonna u l-kliem u l-figuri relattivi murija fit-tieni u fit-tielet kolonna ta' hawn taħt:

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|
| "(A) Sigaretti .............................. | Lm20.00,0 kull kg | Lm20.00,0 kull kg |
| (B) Sigarri u Sigarillos ...................... | Lm18.00,0 kull kg | Lm18.00,0 kull kg |
| (Ċ) Tabakk ieħor manifatturat: | | |
| (1) Tabakk tal-pipa, tabakk tal-magħda u niskata ............................ | Lm11.00,0 kull kg | Lm11.00,0 kull kg |
| (2) Oħrajn, inkluż tabakk maqtugħ jew maqtugħ u mħallat iżda mhux manifatturat iktar ......................... | Lm8.05,0 kull kg | Lm8.05,0 kull kg"; |

6. Minflok il-kliem u l-figuri "70 iżda mhux inqas minn Lm140 kull karozza tal-passiġġieri u Lm161 kull vettura oħra" fit-tieni kolonna, u l-kliem u l-figuri "55 iżda mhux inqas minn Lm110 kull karozza tal-passiġġieri u Lm143 kull vettura oħra" fit-tielet kolonna kontra l-partita (Ċ) taħt l-intestatura 87.02, għandhom jidħlu rispettivament il-kliem u l-figuri "80 iżda mhux inqas minn Lm200 kull karozza tal-passiġġieri u Lm230 kull vettura oħra" u l-kliem u l-figuri "65 iżda mhux inqas minn Lm163 kull karozza tal-passiġġieri u Lm212 kull vettura oħra".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 200 ta' l-20 ta' Frar, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Acting President

21st February, 1989

**ACT No. I of 1989**

*AN ACT further to amend the Import Duties Act, 1976.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement. Act XXV of 1976.

**1.** (1) This Act may be cited as the Import Duties (Amendment) Act, 1989, and shall be read and construed as one with the Import Duties Act, 1976, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall be deemed to have come into force on the 30th November, 1988.

Amendment of the First Schedule to the principal Act.

**2.** The First Schedule to the principal Act shall have effect subject to the amendments set out in the Schedule to this Act.

## SCHEDULE

(Section 2)

1. For items (A) and (B) in the first column under heading number 22.05 and for the words and figures shown against such items in the second and third columns, there shall be substituted respectively the items shown in the first column and the relative words and figures shown in the second and third columns hereunder:

| First Column | Second Column | Third Column |
|---|---|---|
| "(A) Imported in casks or tanks .................. | Lm164.00,0 per hectolitre | Lm163.75,0 per hectolitre |
| (B) Imported in bottles: | | |
| (1) Still .................................. | Lm166.00,0 per hectolitre | Lm165.75,0 per hectolitre |
| (2) Sparkling ............................ | Lm191.00,0 per hectolitre | Lm190.75,0 per hectolitre"; |

2. For items (A) and (B) in the first column under heading number 22.06 and for the words and figures shown against such items in the second and third columns, there shall be substituted respectively the items shown in the first column and the relative words and figures shown in the second and third columns hereunder:

| First Column | Second Column | Third Column |
|---|---|---|
| "(A) Imported in casks or tanks .................. | Lm103.00,0 per hectolitre | Lm102.75,0 per hectolitre |
| (B) Imported in bottles ........................ | Lm105.00.0 per hectolitre | Lm104.75,0 per hectolitre"; |

3. For items (A) and (B) in the first column under heading number 22.07 and for the words and figures shown against such items in the second and third columns, there shall be substituted respectively the items shown in the first column and the relative words and figures shown in the second and third columns hereunder:

| First Column | Second Column | Third Column |
|---|---|---|
| "(A) With an alcohol extract of 6% or less ......... | 60 | 50 |
| (B) Other: | | |
| (1) Imported in casks or tanks ............ | Lm87.50,0 per hectolitre | Lm87.25,0 per hectolitre |
| (2) Imported in bottles ................... | Lm89.50,0 per hectolitre | Lm89.25.0 per hectolitre"; |

4. For items (A), (B), (C) and (D) in the first column under heading number 22.09 and for the words and figures shown against such items in the second and third columns, there shall be substituted respectively the items shown in the first column and the relative words and figures shown in the second and third columns hereunder:

| | First Column | Second Column | Third Column |
|---|---|---|---|
| "(A) | not exceeding 20° Gay Lussac | Lm1.13,0 per litre | Lm1.12,8 per litre |
| (B) | exceeding 20° but not exceeding 45° Gay Lussac | Lm3.99,0 per litre | Lm3.94,0 per litre |
| | Note to (B): Compound alcoholic preparations for the industrial production of soft drinks | 81c 0 per litre | 80c 8 per litre |
| (C) | exceeding 45° but not exceeding 57° Gay Lussac | Lm4.04,0 per litre | Lm3.99,0 per litre |
| (D) | exceeding 57° Gay Lussac | Lm4.04,0 per litre alcohol at 57° Gay Lussac | Lm3.99,0 per litre alcohol at 57° Gay Lussac"; |

5. For items (A), (B) and (C) in the first column under heading number 24.02 and for the words and figures shown against such items in the second and third columns, there shall be substituted respectively the items shown in the first column and the relative words and figures shown in the second and third columns hereunder:

| | First Column | Second Column | Third Column |
|---|---|---|---|
| "(A) | Cigarettes | Lm20.00,0 per kg | Lm20.00,0 per kg |
| (B) | Cigars and Cigarillos | Lm18.00,0 per kg | Lm18.00,0 per kg |
| (C) | Other manufactured tobacco: | | |
| | (1) Pipe tobacco, chewing tobacco and snuff | Lm11.00,0 per kg | Lm11.00,0 per kg |
| | (2) Other, including tobacco cut, or cut and blended but not further manufactured | Lm8.05,0 per kg | Lm8.05,0 per kg"; |

6. For the words and figures "70 but not less than Lm140 per passenger car and Lm161 per other vehicle" in the second column,and the words and figures "55 but not less than Lm110 per passenger car and Lm143 per other vehicle" in the third column against item (C) under heading 87.02, there shall be substituted respectively the words and figures "80 but not less than Lm200 per passenger car and Lm230 per other vehicle" and the words and figures "65 but not less than Lm163 per passenger car and Lm212 per other vehicle".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 200 of the 20th February, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja – Published by the Department of Information - *Castille*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 4c – *Price* 4c